**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2889**

**Illum 08 ta' Frar, 2023**

**Chairperson: Dr Charmaine Cristiano Grech**

**Każ Numru: 3517/CCG**

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

**William Dingli (K.I. Nru 305372M)**

**vs**

**Gozo Channel Operations Limited – C76704**

**Dwar: allegazzjoni ta' trattament abbużiv u/jew diskriminatorju**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegazzjoni ta' allegazzjoni ta' trattament abbużiv u/jew diskriminatorju.

**PRELIMINARI:**

Ir-rikorrent William Dingli intavola rikors li permezz tiegħu iddikjara li kien ilu impjegat mas-soċjetà u l-prekursuri tagħha għal 7 snin, u okkupa l-irwol ta' PFSO, liema rwol u regolat minn diversi kodiċi u liġijiet. Jiddikjara li l-Gozo Channel ħarġet sejħa interna għal Chief of Security and Senior PFSO, li kellu

jkopri l-irwol ta’ PFSO ossia dak tar-rikorrent, filwaqt li s-soċjetà kienet diġà għażlet l-individwu għal dan l-irwol meta nħarġet is-sejħa. B’hekk, ir-rikorrent jitlob lit-Tribunal jiddikjara li s-sejħa saret b’mod illeċitu, abbużiv u/jew diskriminatorju u li hija nulla, sabiex it-Tribunal jordna li s-soċjetà tagħti l-awtorità u riżorsi meħtieġa sabiex ir-rikorrent iwettaq l-irwol ta’ PFSO kif suppost, u jagħti kull provvediment ieħor meħtieġ għat-tneħħija tal-effetti ta’ tali aġir.

Fir-risposta tagħha, is-soċjetà intimata ddikjarat li preliminarjament il-ftehim kollettiv jindika proċedura għall-ilmenti li teskludi lit-Tribunal milli jisma’ tali lment, u b’hekk tali proċedura hija irritwali. Tiddikjara wkoll li l-irwol il-ġdid ta’ Chief of Security and Senior PFSO bl-ebda mod mhi se tnaqqas mill-kompiti tar-rikorrent, u li ħadd ma kien għadu appuntat f’tali rwol tant li ħarġet sejħa interna għalih. Is-soċjetà tissottometti wkoll li r-rikrrent mhux dejjem qiegħda dmirijietu sew tant li kien hemm proċeduri dixxiplinarji għaddejjin kontrih.

**<u>Sinteżi tax-xhieda</u>**

Xehed **ir-rikorrent William Dingli,** li qal li kien chief officer fi ħdan il-soċjetà intimata fl-2015 ħa l-irwol awżiljarju, ossia bla ħlas bħalma hija l-prassi, ta’ PFSO, responsabbli għas-sigurtà tat-terminals taċ-Ċirkewwa u tal-Imġarr. Ir-rikorrent sostna li dan kien jaqbel lilu peress li kellu xi problemi f’saqajh, sabiex jevita l-vibrazzjoni tal-vapuri. Ir-rikorrent ġie offrut taħriġ ta’ jumejn u kellu jibda wkoll xogħol fuq tfassil ta’ port security plan, li suppost kienet ġa tnediet iżda ma sab l-ebda informazzjoni dwarha. Tali pjan kien neċessarju, u kellu jkun approvat mir-regolatur. Saru diversi laqgħat f’dan ir-rigward u anke ħarġet ittra lill-ħaddiema dwar tali materja. Ir-rikorrent madankollu jgħid li ma kienx isib appoġġ mic-Chairman. Il-Head of HR Warren Grech informa lir-rikorrent li kien se jkollu assistent ġdid, ċertu Paul Azzopardi. Ir-rikorrent jirrimarka li kellu laqgħa ma’ Profs David Attard li jieħu ħsieb l-audit inspectorate tas-sigurtà fi ħdan it-Transport Malta, li kkonferma li l-proposti li kien jagħfas ħafna fuqhom

ir-rikorrent u li kienu qed jiġu injorati miċ-Chairman kienu neċessarji. Jisħaq li meta waslu biex jagħmlu draft tal-pjan imsemmi, il-Head of HR infurmah li ma kienx se jibqa' PFSO u huwa oġġezzjona u bagħat email biex jirreġistra grievance skont il-ftehim kollettiv, iżda din ġiet injorata, u anzi huwa ġie mċaqlaq f'uffiċċju fiċ-Ċirkewwa li kien maħmuġ u mhux attrezzat. Ir-rikorrent jgħid li fil-pjan imsemmi kien imniżżel bħala Assistant PFSO, filwaqt li Paul Azzopardi ġie mniżżel bħala PFSO u jisħaq li beda jsir xogħol mingħajr il-konoxxenza tiegħu. Sussegwentament inħarġet sejħa interna għall-irwol ta' Senior PFSO and Chief of Security, liema rwol kien se jinkorpora ħafna mill-irwol kurrenti tiegħu u wkoll titnaqqaslu l-awtorità tiegħu. Madankollu r-rikorrent jikkonferma li ma kellu l-ebda esperjenza fil-qasam tas-sigurtà, u ma applikax għal dan l-irwol fuq parir legali li ottjena. Ġie wkoll ipprojbixxit miċ-Chairman milli jikkomunika ma' terzi, inkluż l-awtoritajiet. L-awtorità tat-trasport infurmatu wkoll li qatt ma ġiet notifikata li hu kien laħaq PFSO. Wara li qamet din il-kwistjoni, ir-rikorrent jgħid li tnedew passi dixxiplinarji kontrih, u dan mhux skont il-proċeduri interni, iżda meta mistoqsi taħt kontroeżami huwa qal li ma setax jispjega kif ma kinux konformi mal-istess proċeduri. Mat-tieni charge li nħarġitlu, ir-rikorrent ġie sospiż mix-xogħol. Ir-rikorrent jikkonferma li hu ħareġ bis-sick leave li baqa' pendenti abbażi ta' PTSD, u ppreżenta ċertifikat ta' Dr Mark Xuereb f'dan ir-rigward, iżda għamel xi xogħol minimu ieħor fil-frattemp.

Xehed **Joe Cordina,** chairmain tas-soċjetà intimata, li jgħid li r-rikorrent kien chief officer li ngħata l-irwol awżiljarju ta' PFSO sabiex jakkommodawh għaliex ma riedx ikompli fl-irwol ta' Chief Officer, iżda qatt ma daħlu f'kuntratt għal dan il-għan, u dan sakemm tiġi mgħammra s-sistema tas-sigurtà. Jgħid li l-qbil kien li r-rikorrent jaħdem fuq dan l-irwol darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa sabiex ikun jista' jibqa' l-art iżda huwa kien ried diversi kundizzjonijiet addizjonali. Intant, ix-xhud jgħid li ma kienx possibli li dan l-irwol awżiljarju jibqa' għal dejjem u kien hemm bżonn li l-irwol ta' PFSO eventwalment isir full-time, u l-Bord tas-soċjetà ħass li kien hemm bżonn issir sejħa esterna għal dan il-għan, għal individwu b'esperjenza fis-sigurtà. Ix-xhud jindika li kien hemm impjegati

oħra bi rwoli awżiljarji, fosthom l-Operations Manager li kellu l-irwol awżiljarju ta' Chief Security Officer, li għandu zewġ kuntratti f'dan ir-rigward. Dwar Paul Azzopardi, ix-xhud jgħid li kien jafu iżda ġie impjegat bħala Assistant PFSO mill-Bord u mhux minnu. Ix-xhud jgħid li r-relazzjoni mar-rikorrent bdiet tiddeterjora maż-żmien, fejn ir-rikorrent anke beda jonqos fi dmirijietu bħala Chief Officer.

Xehed **Prof. David Attard,** Awditur tas-Sigurtà Marittima tal-Gvern li jokkupa l-irwol ta' Senior Official fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport, inkarigat jispezjona l-faċilitajiet tal-portijiet f'Malta. Ix-xhud jispjega li l-irwol ta' PFSO huwa rwol li joħroġ mil-liġi (ISPS, Regolament 725) li jieħu ħsieb is-sigurtà ġewwa l-Port Facility, li fil-każ odjern tinkwadra żewġ faċilitajiet li jaqgħu f'idejn is-soċjetà intimata (Ċirkewwa u Mġarr). Il-PFSO irid ikun iċċertifikat u mħarreġ, u jrid ikollu deputat f'każ li huwa ma jkunx disponibbli, bħal pereżempju f'każ ta' mard jew leave, u jrid ikun irreġistrat kemm mal-Awtorità u kif ukoll mal-IMO u l-Kummissjoni. Ix-xhud jikkonferma li l-irwol 'Senior PFSO' ma joħroġx mil-liġi iżda jista' jkun rwol speċifiku ikkreat minn proċeduri interni tas-soċjetà ikkonċernata, però dak li hu rekwiżit mill-Awtorità u mil-liġi hu li jiġi rreġistrat magħha l-PFSO u d-deputat tal-PFSO, iżda xejn ma jżomm lil terminal milli japponta terzi fl-istess rwol minħabba esiġenzi ta' operat. Ix-xhud jgħid li fiż-żmien meta kien qiegħed iservi hu, ir-rikorrent kien imniżżel bħala PFSO mal-Awtorità.

Xehed **Warren Grech,** Human Resources Manager tas-soċjetà intimata. Ix-xhud jgħid li sar jaf lir-rikorrent fuq ix-xogħol, u li kien ġie sospiż minħabba li ta' xi informazzjoni lit-Transport Malta. Ix-xhud jgħid li r-rikorrent applika għall-irwol ta' PFSO fuq bażi awżiljarja, addizjonali fuq l-irwol tiegħu ġja eżisteni ta' Chief Officer (intant il-kuntratt tax-xogħol jindika biss l-irwol ta' Chief Officer), mingħajr remunerazzjoni addizzjonali, u jikkonferma li hemm impjegati oħra bi rwoli awżiljarji u li hemm minnhom li huma mħallsa għalihom, u hemm min mhumiex imħallsa għalihom. Ix-xhud jikkonferma li Paul Azzopardi ġie ingaġġat permezz ta' proċess ta' reklutaġġ estern. Ix-xhud jgħid li c-Chairman infurmah li r-rikorent xtaq jiċċaqlaq għaċ-Ċirkewwa, u huwa ntalab imur hemm u jassisti

lid-DPA (Designated Person Ashore). Ix-xhud jgħid li meta rċieva l-grievance tar-rikorrent, huwa pprova jiltaqa' miegħu sabiex ikellmu. Dwar l-ewwel charge tas-27 ta' Diċembru 2016, ix-xhud jgħid li ma ttieħdu l-ebda proċeduri dixxiplinarji abbażi tagħha, iżda ma setax jikkonferma r-raġuni għaliex. Dwar it-tieni charge tad-9 ta' Frar 2017, ix-xhud jgħid li ma tkomplewx peress li nfetħu proċeduri legali sabiex dan ma jsirx.

Xehed **Joseph Sultana,** rappreżentant tal-UHM f'Għawdex, li jgħid li ġie involut fil-kwistjoni meta intalab ikun membru fuq il-Bord tad-Dixxiplina, u jgħid li laqgħat li saru f'dan ir-rigward kienu biss fuq livell amministrattiv.

Xehed **John Schembri,** Kap Eżekuttiv ta' Shield Consultants Ltd li hija ingaġġata mis-soċjetà intimata sabiex tati konsulenza dwar l-ISP (International Ship and Port) Code, in linea mal-liġiijiet relattivi, u l-kumpanija tikkomunika direttament mal-PFSO. Ir-rikorrent jikkonferma li jagħmel sens ferm li l-irwol ta' PFSO ġie allaċċjat ma' dak ta' Chief of Security. Jispjega li meta rċieva email mingħand ir-rikorrent rigward materji ta' sigurtà tal-faċilitajiet tal-port li kienet saret b'mod irregolari u mhux skont il-liġi għaliex intbagħtet lil diversi individwi li ma kinux awtorizzati jirċievu tali informazzjoni fil-kuntest tal-liġi, huwa qajjem il-kwistjoni mac-chairman Joe Cordina. Ix-xhud jgħid li kwistjoni trid l-ewwel titqajjem internament lid-diriġenza tas-soċjetà mill-PFSO minkejja li fl-aħħar nett jista' jqajjimha mar-regolatur.

Xehed **Paul Azzopardi,** Chief Officer u Senior PFSO mas-soċjetà intimata. Mistoqsi dwar jekk kienx hemm ċirkostanzi fejn ġew approvati invoices mingħajr il-kunses jew l-għarfien tar-rikorrent, ix-xhud jgħid li ma jiftakarx, u li sa fejn kien jiftakar hu, ir-rikorrent dejjem kien ikkuppjat fil-korrispondenza jew altrimenti infurmat bħala s-superjur tiegħu. Ix-xhud jikkonferma li kien applika għas-sejħa għall-irwol kurrenti tiegħu wara li applika għaliha, u intant iddaħħlu żewġ Assistant PFSOs peress li l-ħtieġa għall-irwol kiber maż-żmien. Jgħid li r-rikorrent infurmah li jekk ix-xhud kellu jilħaq f'dan l-irwol, ir-rikorrent ma kienx

se jieħu ordnijiet mingħandu – ġew ippreżentati kopji ta' messaġġi telefoniċi f'dan ir-rigward.

**Sinteżi tas-sottomissjonijiet**

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jiddikjara illi ftit wara li laħaq fil-grad ta' PFSO beda jħoss li ma bediex jitħalla jwettaq xogħlu kif meħtieġ minnu min-naħa tas-soċjetà intimata. Intant ġie ċċarat f'dan ir-rigward li l-irwol awżiljarju ta' PFSO ma jfissirx rwol ta' 'assistent', iżda biss li huwa rwol addizzjonali ma' dak ġja eżistenti. Tnedew ukoll azzjonijiet dixxiplinarji kontrih wara li talab il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-proċess ta' reklutaġġ ta' Chief of Security and Senior PFSO, liema rwol kellu jinkorpora wħud mid-doveri tiegħu, u dan b'turija ċara li kien att ta' vittimizzazzjoni, u intant inżamm milli jirritorna għax-xogħol matul il-proċeduri odjerni sakemm intalab jirritorna f'Jannar tal-2022, taħt id-direzzjoni ta' Paul Azzopardi, li nel frattemp kien ħa l-kariga ta' Chief of Security and Senior PFSO, u r-rikorrent jissottometti illi din l-azzjoni serviet biss sabiex tumiljah qabel tmiem dawn il-proċeduri.

Ir-rikorrent jisħaq li skont il-kuntratt tal-impjieg tiegħu, huwa kellu jirrapporta direttament lic-Chairman, u li kwalunkwe bidla setgħet biss issir bil-kunses taż-żewġ partijiet, u li intant kien jagħmel sens li l-irwol ta' PFSO ikun wieħed pjuttost senior. Intant, huwa ġie sussegwentament ordnat jirrapporta lil Paul Azzopardi bħala Senior PFSO, li qabel kien Assistant PFSO. Ir-rikorrent jiddikjara li s-soċjetà ma setgħet bl-ebda mod tbiddel il-kundizzjonijiet tal-impjieg tiegħu u fl-istess waqt tpoġġih f'sitwazzjoni inferjuri milli kien qabel, u fuq kollox ġie sottomess li l-bidla kienet diġà saret qabel biss inħarġet is-sejħa għall-irwol il-ġdid, skont dak li ġie mniżżel fil-Port Facility Security Plans fejn Paul Azzopardi kien imniżżel bħala PFSO. Jissottometti illi din ikkostitwixxiet bidla fir-reporting line tiegħu u b'hekk serviet ta' aġir umiljanti u degradanti.

Fir-rigward tal-allegat diskriminazzjoni, ir-rikorrent jisħaq li dan jiżvolġi mill-fatt illi huwa kien qed jingħata l-ġenb fit-twettieq ta' xogħlu, u li huwa ma tħallasx għall-irwol awżiljajru fejn ħaddieħor ġie remunerat, li ma ġiex permess jagħmel

użu mill-grievance procedure inkwadrata fil-ftehim kollettiv, u li ġie vvittimizzat peress li s-soċjetà intimata mxiet miegħu in mala fede. Fir-rigward tal-grievance, ir-rikorrent jinnota kif l-HR Manager iddikjara li ma kinitx taqa' taħt il-kompiti tiegħu, filwaqt li c-Chairman ma ta l-ebda raġuni għaliex dan ma ġietx imwieġba. Ir-rikorrent jisħaq ukoll illi huwa aġir diskriminatorju illi huwa baqa' ma ġiex remunerat għall-irwol awżiljarju tiegħu filwaqt li ħaddieħor fi ħdan is-soċjetà intimata ġie hekk remunerat.

Ir-rikorrent jiddikjara wkoll li huwa ġie vvittimizzat wara charge li nħarġet kontrih b'ritaljazzjoni għall-fatt li huwa talab il-ħruġ mandat ta' inibizzjoni fir-rigward tas-sejħa għall-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSO, u wara li intavola l-proċeduri odjerni. Intant, meta ġie sospiż, is-soċjetà intimata ikkonfermat li parti mir-raġuni għal dan kienet peress li kienu għaddejjin il-proċeduri odjerni. Intant, ir-rikorrent ġie mgħarraf li Paul Azzopardi kien ħa l-kariga ta' PFSO, li r-rikorrent jisħaq jixhed li s-soċjetà intimata fil-frattemp xorta waħda ħadet li riedet.

Ir-rikorrent itenni jiddikjara li l-fatt li s-soċjetà intimata ma mxietx mal-proċeduri tal-ftehim kollettiv jikkostitwixxi ksur fih innifsu.

Fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà intimata tibda billi tiddikjara li s-sottomissjonijiet rikorrenti jmorru ferm oltre minn dak li ntalab, ossia azzjoni fir-rigward tal-irwol il-ġdid. Ġie sottomess li r-rikorrent ġie ingaġġat bħala PFSO awżiljarju in vista tal-kundizzjoni medika tiegħu sakemm kienu għadhom qed jitħaddmu s-sistemi tal-sigurtà tal-port. Mas-sejħa tal-irwol il-ġdid (Chief of Security and Senior PFSO) ir-rikorrent ma applikax għaliex ippretenda li tali rwol huwa tiegħu bi dritt, u li meta ġie magħżul Paul Azzopardi għalih, ir-rikorrent irritalja kontrih u qal li ma kienx se jirrikonoxxih. Is-soċjetà tissottometti wkoll illi kienet abbażi ta' tali aġir li nħarġet l-ewwel charge kontrih, li waqgħet, filwaqt li t-tieni waħda inħarġet abbażi tal-email li ntbagħtet lil terzi mingħajr awtorizzazzjoni, u ġie sospiż, liema sospensjoni nżammet fis-seħħ sakemm jiġu konklużi l-proċeduri odjerni. B'hekk is-soċjetà tistaqsi, fil-konfront tal-azzjoni ta' sospensjoni leġittima, fejn hija d-diskriminazzjoni. Ġie sottomess ukoll illi bl-ebda mod dan it-Tribunal ma seta' jsib li kien hemm xi vittimizzazzjoni fir-

rigward tar-rikorrent peress illi l-email li bagħat hu kienet waħda ta’ natura serja u kien abbażi ta’ dan li ttieħdet l-azzjoni li ttieħdet.

Fir-rigward tad-danni mitluba, is-soċjetà intimata tissottometti illi r-rikorrent baqa’ jieħu l-paga bażika sħiħa tiegħu matul is-sospensjoni, u li ma ħax kien dak ir-remunerazzjoni illi huwa intrinsikament marbut max-xogħol innifsu, bħalma huwa overtime jew allowances.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Il-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq allegazzjoni ta’ trattament abbużiv u/jew diskriminatorju. Intant dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex janalizza l-fatti hekk relevati matul il-proċeduri, in linea mat-talbiet rikorrenti.

Qabelxejn, qiegħed jiġi ippreċiżat illi t-talbiet rikorrenti jirrigwardaw biss talbiet sabiex dan it-Tribunal isib li kien hemm <u>azzjoni abbużiva, illeċita u/jew diskriminatorja fir-rigward tas-sejħa għall-irwol ta’ Chief of Security and Senior PFSO, flimkien ma’ talbiet oħra relatati mar-ritorn għall-*istatus quo ante* tar-rikorrent fir-rigward tal-kwistjoni bejn dan l-irwol u dak ta’ PFSO (tiegħu).</u> Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent iqajjem allegazzjoni ta’ vittimizzazzjoni, u anke jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jindaga dwar kwalunkwe ksur illi seta’ sar fir-rigward tal-ftehim kollettiv viġenti rigward l-azzjoni dixxiplinarja inkwistjoni, jew almenu n-nuqqas tagħha. Madankollu, talbiet speċifiċi f’dan ir-rigward ma sarux fir-rikors promotur. B’hekk dan it-Tribunal ma jistax jiddeċiedi fuq talbiet relatati ma’ materja oltre minn dak relatat mas-sejħa għall-irwol ta’ Chief of Security and Senior PFSO speċifikament, għaliex it-talba għas-sejba ta’ diskriminazzjoni fir-rikors promotur ma saritx b’mod ġenerali iżda fl-isfond speċifiku tas-sejħa għall-irwol referut. Għaldaqstant huwa l-allegat diskriminazzjoni fid-dawl ta’ dan tal-aħħar biss li ser jiġi ttrattat minn dan it-Tribunal.

Primarjament, l-artikolu 26(1)(b) tal-Kap 452 jipprovdi s-segwenti: *"Ħadd ma jista', rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija."*. Id-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju taħt l-artikolu 2 tal-istess Kap 452 tipprovdi li dan ifisser *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika inkluża diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala, jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union, jew f'assoċjazzjoni ta'prinċipali".*

Fir-rigward ta' dawk li jissejħu 'karatteristiċi protetti' hekk kif indikati fl-istess definizzjoni fuq ikkwotata, ir-rikorrent ma indikax liema karatteristika huwa qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu bħala l-'comparator' li fuqha dan it-Tribunal għandu janalizza l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni. Inoltre, it-Tribunal fl-analiżi tiegħu tal-istess karatteristiċi ma jsib li l-ebda minnhom ma tkopri dak li qiegħed jallega r-rikorrent. B'danakollu wieħed lanqas ma jista' jiskarta l-fatt li d-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju hija ferm aktar vasta minn hekk taħt il-Kap 452, u dan kif regolarment dedott mill-qrati tagħna, għaliex id-defenizzjoni anke tkopri "*kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika".* Tali proviżjoni għaldaqstant tati lok ta' wisa' lil dan it-Tribunal sabiex janalizza f'iktar reqqa u b'iżjed libertà l-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrent verament kienx soġġett għal aġir diskriminatorju fis-sens aktar ġenerali, minkejja li ma jinstab li tapplika l-ebda karatteristika protetta. Dan ser jiġi analizzat fil-kuntest tal-fatti kif ġej.

L-allegata diskriminazzjoni, skont ir-rikorrent, hija kawża tal-fatt illi s-soċjetà intimata ħarġet sejħa interna għall-irwol ta' Chief of Security and PFSO, filwaqt li huwa kien diġà jħaddan l-istess rwol ta' PFSO, u li għaldaqstant tali sejħa saret b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu.

Primarjament, dan it-Tribunal jinnota diversi punti kruċjali li huma essenzjali għall-analiżi tal-validità tat-talbiet rikorrenti ta' allegata diskriminazzjoni fir-rigward tas-sejħa inkwistjoni. L-ewwel nett, huwa ammess kemm mir-rikorrent innifsu u kif ukoll minn xhieda oħra rappreżentanti tas-soċjetà intimata illi l-

irwol ta' PFSO li fih kien appuntat ir-rikorrent kien wieħed awżiljarju. Inoltre, huwa mifhum li l-irwol oriġinali tar-rikorrent fi ħdan is-soċjetà intimata kien dak ta' Chief Officer, u mhux ta' PFSO. Dan tal-aħħar ġie offrut lilu biss wara li kien ġja impjegat mas-soċjetà intimata. Jingħad ukoll li dan l-irwol kien jaqbel għalih minħabba kundizzjoni medika relatata ma' siequ li għall-ħarsien tagħha kien ikun aktar għaqli li jnaqqas mill-ħin tiegħu fuq il-vapuri. Inoltre, l-unika kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti illi ġie ppreżentat f'dawn il-proċeduri jirrigwarda l-irwol ta' PFSO li ngħatalu skont kif fuq rilevat, u ġewwa fih l-irwol ta' PFSO huwa speċifikament ikklassifikat bħala wieħed 'awżiljarju' (vide artikolu 2 tal-istess kuntratt: *"on an auxiliary role basis",* u artikolu 3: *"...the role and functions of PFSO are exclusively considered as additional to the Employee's main employment role, that of Chief Officer*). Għaldaqstant jidher biċ-ċar li permezz ta' tali kuntratt għall-irwol ta' PFSO ma kien hemm l-ebda intenzjoni mill-partijiet li l-irwol ta' Chief Officer tar-rikorrent jiġi mitmum. Dan kollu huwa wkoll sostnut mill-fatt li l-ittra tal-konferma tar-rikorrent fl-irwol ta' PFSO (datata 19 ta' Jannar 2016) tindika biċ-ċar illi tali rwol huwa awżiljarju (*"the ancillary position of Port Facility Security Officer"*).

Hawnekk titqajjem il-kwistjoni ta' xi jfisser rwol 'awżiljarju'. Filwaqt li l-liġi ma tati l-ebda definizzjoni ta' dan, u wisq anqas ma tati l-ebda direzzjoni dwar kif rwoli ta' din in-natura għandhom jiġu regolati, huwa ben risaput li tali rwol awżiljarju huwa wieħed *'extra'*, lil hinn minn l-irwol oriġinali tal-impjegat konċernat. Fil-fatt, Warren Grech (HR) jikkonferma li hemm impjegati oħra fi ħdan is-soċjetà intimata jħaddnu rwoli awżiljarji bl-istess mod. Filwaqt li r-rikorrent jikkontendi li huwa inġust li huwa ma jitħallasx għal dan l-irwol żejjed li huwa jwettaq, wieħed ma jistax jonqos milli jinnota li s-Sur Grech stqarr li kien hemm impjegati oħrajn bi rwoli awżiljarji li wkoll ma kinux jitħallsu għalihom.

Punt ieħor li ma jistax jiġi skartat huwa l-fatt li ħareġ matul ix-xhieda f'dawn il-proċeduri li l-irwol awżiljarju li ngħata lir-rikorrent ingħatalu fi żmien fejn is-sistemi tas-sigurtà tal-port innifsu kienu għadhom qed jiġu mfassla, ossia li l-qasam fl-intier tiegħu kien għadu qiegħed jiġi żviluppat. Intant, Joe Cordina

(Chairman tas-soċjetà intimata) saħaq li eventwalment kien se jkun hemm bżonn li l-irwol ta' PFSO kellu jsir wieħed ta' natura full-time, kif fil-fatt ġara permezz tas-sejħa sussegwenti li ħarġet fil-11 ta' Novembru 2016 għall-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSO.

Ir-rikorrent jikkontendi li s-sejħa għall-irwol surreferit ikkostitwiet ksur lampanti tad-drittijiet tiegħu peress li kienet azzjoni diskriminatorja fil-konfront tiegħu, stante li huwa diġà kellu l-irwol ta' PFSO. Huwa fatt li r-rwol li għalih ħarġet is-sejħa huwa parzjalment differenti minn dak li kellu r-rikorrent, stante ż-żieda tan-nomenklatura 'Chief of Security', li fil-fatt hija r-raġuni li għaliha r-rikorrent jisħaq li ma kienx applika għall-irwol il-ġdid. B'danakollu, xorta waħda kien relatat mal-irwol tar-rikorrent peress li jinkorpora fih ir-rwol ta' PFSO, li apparti r-relevanza tiegħu fi ħdan is-soċjetà intimata iġorr ukoll ċertu piż relatat mal-awtoritajiet marittimi tal-istat, u anke mal-liġi nnifisha.

It-Tribunal sejjer sabiex janalizza jekk dan kollu huwiex inkwadrat mill-kwistjoni ta' 'trattament diskriminatorju' skont il-liġi, u jekk tali aġir fil-fatt jikkostitwixxi trattament diskriminatorju. Filwaqt li d-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju tippermetti ċertu wisa' fl-interpretazzjoni tagħha permezz tal-frażi *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika",* ma jistax jonqos li jrid jiġi ppruvat li fil-fatt kien hemm tali distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni kontemplata mil-liġi, u li din kienet diskriminatorja. Xorta waħda jibqa' l-fatt li minkejja li t-Tribunal mhuwiex kostrett li jibbaża kwalunkwe sejba ta' diskriminazzjoni fuq il-karatteristiċi protetti imsemmija fil-liġi, huwa meħtieġ illi jistabbilixxi li kien hemm xi forma ta' diskriminazzjoni *per se* u mhux sempliċiment trattament inġust.

Il-frażi *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika"* m'għandhiex tfisser li kwalunkwe aġir li jista' jitqies inġust għandu awtormatikament jikkostitwixxi trattament diskriminatorju. Sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm din l-istess diskriminazzjoni fil-kwistjoni odjerna, wieħed għandu jħares lejn dak li jipprovdi l-artikolu 26(2)(ċ) tal-Kap 452, li hija l-proviżjoni relevanti għall-fatti hekk kif ippreżentati. L-istess artikolu jipprovdi illi *"trattament diskriminatorju jinkludi ... azzjonijiet li bihom il-*

*prinċipal xjentement jimmaniġġa x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju."*

Sabiex ikun hemm diskriminazzjoni, it-Tribunal xorta waħda għandu janalizza jekk kienx hemm xi aġir li permezz tiegħu s-soċjetà intimata ttrattat lir-rikorrent b'xi mod differenti minn individwi oħra nonostante n-nuqqas ta' karatteristika protetta – fil-fatt l-istess artikolu 26(2)(ċ) jipprovdi li tali aġir, filwaqt li apparentament wiesa' fil-kuntest tiegħu, irid ikun "*abbażi ta' trattament diskriminatorju."*

Allura minkejja n-nuqqas ta' bżonn li jiġi ippreċiżat karatteristiku protetti f'dan ir-rigward, ċertu element ta' paragun irid ikun hemm xorta waħda. Filwaqt li l-artikolu 26(2)(ċ) jagħti ħjiel ta' relevanza mal-kwistjoni odjerna, ma jistax jingħad li hemm xi tip ta' komparatur abbażi ta' liem dan it-Tribunal jista' jiddeċiedi illi s-soċjetà imxiet b'mod distint fir-rigward ta' kif ġabet ruħha mar-rikorrent, speċjalment tenut kont tal-fatt illi l-irwol tar-rikorrent kif imfassal (awżiljarju, flimkien mal-irwol oriġinali tiegħu) kien uniku u, fuq kollox, l-irwol lamentat li għalih ħarġet is-sejħa kien wieħed li wkoll kien ftit jew wisq differenti minn dak tar-rikorrent f'ċerti aspetti.

Wara li t-Tribunal ikkumpara l-fattispeċje tal-irwol tar-rikorrent u ta' dak ta' Chief of Security and PFSO, ikkunsidrati fil-kuntest globali tagħhom, jinnota li n-natura tal-irwol tar-rikorrent u dak ta' Chief of Security and Senior PFSO mhumiex direttament komparabbli u għaldaqstant iħalli lok ta' dubju serju fil-possibiltà li fil-fatt tista' tinsab xi forma ta' diskriminazzjoni. B'hekk, u strettament ai fini ta' diskriminazzjoni per se, dan it-Tribunal ma jistax jgħid li s-sejħa hekk kif inħarġet ħolqot xi forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent, għaliex diffiċli jsib li l-abbassament apparenti tal-irwol tar-rikorrent kien *"anqas favorevoli"* minn ta' ħaddieħor peress li ma hemmx individwi oħra ma' min jista' jinħoloq paragun ċert u inekwivoku f'dan ir-rigward (eż. ma kienx hemm PFSOs oħra li ma ġralhomx bħar-rikorrent, tenut kont tal-kuntest globali ta' kif żvolġa kollox).

Intant dan it-Tribunal huwa ferm konvint illi l-intenzjoni tal-leġiżlatur fil-proviżjoni *"kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika"* ċertament ma saritx sabiex tinkwadra kwalunkwe tip ta' aġir inġust illi jista' qatt isir fuq il-post tax-xogħol. Jingħad ukoll illi filwaqt li l-ġurisprudenza kkwotata mir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu hija relevanti in prinċipju, ma jistax jiġi skartat il-fatt li tali ġurisprudenza fil-maġġor parti tagħha lanqas biss kienet tirrigwarda allegazzjonijiet ta' diskrminazzjoni quddiem dan l-istess Tribunal, iżda kwistjonijiet ta' tkeċċija, *constructive dismissal,* jew intant anke każijiet ta' ksur ta' proviżjonijiet kuntrattwali (li fil-fatt inġiebu quddiem Qorti, u mhux quddiem dan it-Tribunal), u mhux dwar kwistjonijiet ta' sejba ta' diskriminazzjoni *per se*. Ma jistgħux jiġu mgħaġna flimkien punti li jirrigwardaw ksur ta' kundizzjonijiet kuntrattwali ma' atti diskriminatorji abbażi tal-wisa' mħollija mil-leġiżlatur fid-definizzjoni illi għoġbu jagħti lil din tal-aħħar. Il-parti tad-definizzjoni ta' 'trattament diskriminatorju' li tmur oltre mill-karatteristiċi protetti hija hemm sabiex impjegati jiġu mħarsa minn kwalunkwe trattament differenti li ma tkunx tidher li saret abbażi ta' wieħed minn tali karatteristiċi, iżda li xorta waħda tikkostitwixxi trattament differenzjali bejn individwi jew gruppi bħal pereżempju bejn ħaddiema ta' ċertu dipartimenti li jwettqu l-istess xogħol, iżda li jingħataw kundizzjonijiet differenti, u li bejniethom ċarament jista' jiġi konkluż li hemm forma ta' trattament distint bejn dawn iż-żewġ individwi jew gruppi li ħaqqhom l-istess trattament. Hemmhekk ċertament jista' jingħad li kapaċi jkun hemm lok għal sejba ta' diskriminazzjoni li mhijiex inkwadrata minn karatteristika protetta, għaliex xorta waħda hemm bażi fuqiex ċertu paragun jista' jsir. Madankollu fil-każ odjern, stante l-istatus awżiljarju tal-irwol tar-rikorrent, il-fatt li huwa żamm l-irwol ta' Chief Officer li kellu oriġinarjament (u dan anke skont il-kuntratt tal-PFSO mogħti lilu kif fuq referut) u d-differenza fin-natura tal-irwol ta' Chief of Security and Senior PFSO (imqar fil-fatt li dan tal-aħħar kellu jsir wieħed full-time) ma ġiex muri li kien hemm xi paragun espliċitu li dan it-Tribunal jista' jsejjes fuqu konferma li fil-fatt kien hemm xi diskriminazzjoni.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Wara li sema' x-xhieda u ra d-dokumenti prodotti mill-partijiet, u kkunsidra l-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet rikorrenti fl-intier tagħhom.

Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(iffirmat)

**Avukat Charmaine Cristiano Grech LL.D.**
**Chairperson**